**QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 593/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**JOSEPH AQUILINA**
**(K.I. 191151M)**

**Illum, 11 ta' Dicembru 2020**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet datati 20 ta' Gunju, 2013 fil-konfront ta' **JOSEPH** detentur tal-karta tal-identita numru 191151M, akkuzat:-

Illi nhar it-28 ta' Mejju, 2013, ghal habta tas-7.45 hrs gewwa Joemar, Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' martu Maria Aquilina u/jew persuni ohra, persuna li ghandha aktar minn sittin sena;

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna bizgha lil martu Maria Aquilina u lit-tifla tieghu Josianne Aquilina bizgha li se tintuza vjolenza kontriha jew contra l-propjeta taghha,

Illi l-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tinhareg ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Maria Aquilina u Josianne Aquilina ai termini tal-Artikolu 412 tal-Kap 9.

Rat illi l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat li giet ezentata mill-partijiet milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat in-nota tal-20 ta' Mejju, 2019[1] tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:-

a. fl-artikoli 17 u 31 tal-Kap 9
b. fl-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap 9
c. fl-artikoli 202 tal-Kap 9
d. fl-artikoli 222A tal-Kap 9
e. fl-artikoli 251B u 202 tal-Kap 9
f. fl-artikoli 412 tal-Kap 9
g. fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 533 tal-Kap 9.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2019 l-imputat fil-prezenza tal-avukat tieghu ddikjara li m'ghandux l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja.

[1] Fol 205.

Rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2020;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in dizamina, jirrizulta illi l-imputat irrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija, fit-28 ta' Mejju 2013[2].

Madanakollu, huma immedjatament ovvju li din l-istqarrija giet rilaxxata fi zmien meta l-imputat, allura suspettat, ma kellux dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija. Effettivament f'dan il-kaz l-istqarrija ttiehdet minghand l-imputat minghajr ma nghatalu d-dritt li jaghzel li jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ghaliex il-ligi dak iz-zmien ma kienetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legali **waqt** li jigi interrogat, izda kienet tippermetti biss illi suspettat jithalla jikkonsulta ma' avukat **qabel** ma jigi interrogat. F'Mejju tas-sena 2013, meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, u sakemm gie promulgat l-Att LI tal-2016 li gie fis-sehh f'Novembru 2016, id-dritt ta' assistenza legali kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogazzjoni u b'hekk, kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogazzjoni.

Il-gurisprudenza recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[3] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[4], kif affermata fil-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Jannar 2020 fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** u

[2] Dok. RA3, fol 53, 54.
[3] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[4] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.

wkoll fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Timothy Joseph Agius**[5], ilkoll moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[6], pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett.

Fis-sentenza taghha tal-14 Dicembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk in propositu:-

*"... il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"[7]

Fil-kaz odjern, fejn l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta d-dritt tas-suspettat li jkollu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, kien ghadu ma dahalx fis-sehh, jirrizulta illi s-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti. Madanakollu, din il-Qorti, anke wara li rat l-insenjament l-iktar recenti tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Farrugia v. Malta**, ma taqbilx illi r-rimedju f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jkun it-tnehhija ta l-istqarrija mill-atti, **anke ghaliex in-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma jnaqqasx mill-ammissibbilita` bhala prova, tal-istess stqarrija u lanqas iwassal awtomatikament ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.** Jinghad illi sabiex jigi ravvizat ksur ta' dan il-jedd, il-proceduri jridu jitqiesu

[5] 21 ta' Lulju 2020.
[6] Il-Qorti Ewopeja.
[7] **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**.

**fit-totalita` taghhom** bil-process kriminali ikun intemm b'dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat[8].

Mizmum ferm dak kollu premess, din il-Qorti taqbel illi ghall-fini tad-determinazzjoni tal-htija o meno ta' reat kriminali, kemm jista' jkun ghandu jigi evitat li jsir uzu minn jew referenza ghal dikjarazzjonijiet inkriminanti maghmula mis-suspettat waqt xi interrogazzjoni mill-Pulizija, bhala prova kontrih innifsu fil-proceduri penali, fejn dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu saru minghajr is-salvagwardji kollha kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq u fejn ma tezisti l-ebda prova ohra fl-atti li tikkorrobora dik il-prova. Izda dan ma jfissirx illi kull haga ohra li jkun intqal mis-suspettat waqt l-interrogazzjoni ghandha tigi skartata b'mod assolut fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna, purche` kollox jitqies bi skrutinju strett.

Il-Qorti tqis illi dikjarazzjonijiet inkriminanti li setghu saru minn persuna suspettata minghajr ma kienet assistita legalment, qatt ma ghandhom jifformaw il-bazi ghas-sejbien ta' htija jekk irid jigi assigurat li l-process kollu ma jitqieghedx f'riskju li jithassar minhabba xi possibbilita` ta' lezjoni tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq. Il-Qorti tqis illi huwa doveruz fuqha illi tassigura li l-persuna mixlija quddiemha b'reat kriminali, jinghata smigh xieraq u dan billi, fost ohrajn, ma taghtix piz lil evidenza li t-tehid taghha jista' jippregudika dan id-dritt ghaliex ikollha l-effett li topera ingustament kontra l-imputat jew effett negattiv fuq il-*fairness* tal-proceduri.

Ghaldaqstant, sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jistghu jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita`, **il-Qorti meta tigi biex tqis il-gabra tal-provi akkwiziti f'dawn il-proceduri, sejra tiehu qies tal-istqarrija in kwistjoni safejn id-dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputat waqt l-interrogazzjoni**

[8] Ara decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Dimech vs. Malta**, App. Nr. 34373/13, deciza 2 ta' April 2015, u **Tyrone Fenech v. Malta**, deciza 5 ta' Jannar 2016.

**kienu intizi specifikatament ghall-gustifikazzjoni u difiza tal-ghemil tieghu, jekk ikun il-kaz**.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkuzi odjerni nibtu minn argument domestiku li sehh bejn l-imputat u martu waqt li kienu fid-dar matrimonjali taghhom gewwa s-Siggiewi, fejn l-imputat allegatament ikkagunalha offizi ta' natura gravi meta taha daqqa ta' ponn f'imnehirha. L-imputat gie mixli wkoll illi fl-istess okkazjoni, bl-imgieba tieghu huwa kkommetta r-reat prospettat fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9.

F'dan il-kaz l-allegat vittma, Maria Aquilina, giet ezentata milli tixhed kontra zewgha l-imputat u dan skont kif del resto prospettat mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 635 tal-Kap. 9. Imbaghad, waqt is-seduta tal-21 ta' April 2015, l-avukat tal-parti leza iddikjara li "*l-parti leza qed tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli*", filwaqt li fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2018, **id-difensur tal-imputat** iddikjara illi "*mart l-imputat Maria Aquilina u bintu Josianne Aquilina kienu hafru lill-imputat u rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali.*"

Minkejja dan, izda, il-Qorti tosserva illi filwaqt li ma jirrizultax li Maria Aquilina u Josianne Aquilina qatt gew ammessi formalment bhala parti leza fil-proceduri odjerni, l-ebda wahda mid-dikjarazzjonijiet appena imsemmija ma saru fil-prezenza tal-allegati vittmi. Barra minn hekk, ma jirrizultax mill-atti illi Maria Aquilina jew Josianne Aquilina regghu xehdu jew qatt regghu dehru quddiem il-Qorti sabiex jaffermaw id-dikjarazzjoni li saret ghan-nom taghhom jew min minnhom ghar-rinunzja tal-azzjoni kriminali.

F'kull kaz, huwa fatt illi l-akkuzi addebitati lill-imputat huma dwar reati li l-Pulizija tista' tagixxi wkoll *ex officio* ghaliex bl-emendi ghall-Artikolu 543 introdotti bis-sahha tal-Att XX tal-2005, il-Pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika. Dan ifisser

illi r-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, galadarba huma evidentement reati li jinvolvu vjolenza domestika, ma jistghux jigu irtirati mill-kwerelant[9].

Hu minnu illi bl-applikazzjoni tat-tieni proviso[10] tal-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9, huwa legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat. Izda fic-cirkostanzi tal-kaz in dizamina fejn, kif inghad, il-vittmi tar-reat qatt ma dehru biex jitolbu lill-Qorti biex twaqqaf il-proceduri kontra l-imputat, il-Qorti ma tistax tistabbilixxi jekk id-dikjarazzjoni hijiex wahda volontarja li effettivament xtaqu jaghmluha l-vittmi u ma tistax tistabbilixxi lanqas jekk huma verament hafrux lill-imputat. *Multo magis* fejn l-akkuzi jikkoncernaw ukoll lil bint l-imputat, Josianne Aquilina, ghaliex hija kienet ghazlet li tixhed kontra missierha quddiem il-Qorti.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi tista' tiddeciedi u tordna li l-proceduri kontra l-imputat jitwaqqfu.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, li permezz taghha l-imputat gie akkuzat li kkaguna offiza ta' natura gravi fil-gisem ta' martu li ghandha iktar min sittin sena, jigi osservat illi minkejja li l-vittma tar-reat ma xehditx, madanakollu, bint l-imputat, Josianne Aquilina li kienet xhud okulari tal-incident mertu tal-akkuzi, xehdet quddiem il-Qorti. Hi affermat bla tlaqliq illi waqt l-argument li nqala' bejn missierha u ommha waqt li kienu fil-kcina tad-dar taghhom gewwa s-Siggiewi, l-imputat ta daqqa ta' ponn lil ommha u laqatha fuq imnehirha. Ix-xhieda ta' Josianne Aquilina baqghet ma gietx kontrastata bl-ebda mod u

[9] Ara wkoll fir-rigward in-nota tal-Avukat Generali tat-8 ta' Gunju 2018, fol. 156.
[10] Ukoll introdott bis-sahha tal-Att XX tal-2005.

ghalhekk fi-kumpless tal-provi kollha li gew akkwiziti f'dan il-process, il-Qorti hija konvinta illi l-imputat ta daqqa ta' ponn lil martu u laqatha f'imnehirha.

Jirrizulta wkoll mic-certifikat tat-twelid ta' Maria Aquilina, esebit fl-atti[11] illi l-istess Maria Aquilina, fid-data meta sehh dan l-incident, kellha iktar minn sittin sena. Ghaldaqstant, jekk jirrizulta illi effettivament, bhala rizultat tad-daqqa li garrbet fuq imnehirha, Maria Aquilina garrbet xi offiza minn dawk prospettati mil-ligi kif indikati mil-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, irid jinstab ukoll htija fl-imputat ghall-aggravanti taht l-Artikolu 222A tal-Kap. 9, cioe` li kkaguna offiza fuq persuna li tkun ghalqet l-eta` ta' sittin sena.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi, senjatament mill-relazzjonijiet u mix-xhieda taz-zewg esperti konsulenti mahturin mill-Qorti, jirrizulta illi Maria Aquilina, b'rizultat tad-daqqa li qalghet f'imnehirha, garrbet ksur fl-imnieher. Il-Qorti trid ghalhekk tistabbilixxi jekk din l-offiza ghandhiex titqies bhala offizi ta' natura gravissima a tenur tal-Artikolu 218, jew ta' natura gravi a tenur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9, jew inkella bhala offiza ta' natura hafifa a tenur tal-Artikolu 221 tal-istess Kap. 9.

Illi l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet*

[11] Fol. 79.

*ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[12]

Mr. Frederick Zammit Maempel, l-espert ortopediku mahtur mill-Qorti biex jezamina lil Maria Aquilina u jirrelata dwar in-natura tal-griehi sofferti minnha, ikkostata illi filwaqt li mill-aspett taz-zmien li jehtieg biex ifiq il-ksur fl-imnieher, huwa tal-fehma li l-offiza hija ta' natura hafifa, ma setax jiccertifika jekk il-liwja ckejkna tal-imnieher tal-vittma u l-qarquca mghawga li giet riskontrata, jikkostitwixxux dizabilita` permanenti.

Peress li dan l-espert xehed illi din il-kostatazzjoni partikolari tezorbita mill-kompetenza tieghu bhala espert ortopediku, il-Qorti kienet ghaddiet biex hatret lil Mr. Kenneth Muscat (ENT, Head and Neck Surgeon), bhala espert bl-inkarigu li jirrelata dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Maria Aquilina, u jekk dawn jikkostitwixxux offizi ta' natura gravi.

Id-difiza ssostni illi n-natura tal-griehi li gew subiti mill-parti leza ghandha tigi stabbilita unikament b'referenza ghall-konkluzjonijiet raggunti mill-konsulent ortopediku Mr. Fredrick Zammit Maempel. Madanakollu, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex tiehu konjizzjoni wkoll tal-konkluzjonijiet raggunti mill-konsulent kirurgu Mr. Kenneth Muscat, liema espert wara kollox wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu abbazi tal-ezami medika kondotta minnu fuq Maria Aquilina u ezami tal-*x-rays* li ttiehdu f'Mejju 2013 u li jinsabu fil-file mediku taghha. Fir-rapport tieghu, dan l-espert afferma illi effettivament:-

"*... the right nasal blockage is due to a deviate septal cartilege to the right side. I confirmed that there is nearly complete blockage of the nasal flow on that side. The cartilege is clearly broken, indicating that the deviation is post traumatic in origin.*"

[12] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

Huwa xehed hekk quddiem il-Qorti:-

"*Fuq l-ezaminazzjoni tieghi, il-qarquca hija maqsuma mhux mghawga biss, hija maqsuma igifieri there was a significant trauma.*"[13]

B'zieda mal-qasma fil-qarquca tal-imnieher tal-vittma, l-istess espert irriskontra wkoll "*a bony swelling in the right maxillary buttress causing slight asymmetry of the base of the nose … resulting from the traumatic fracture*."

Minn dak li xehed l-espert konsulent kirurgiku Kenneth Muscat, jirrizulta li Maria Aquilina soffriet deformita` f'imnehriha bhala rizultat tat-trauma li garrbet bid-daqqa li taha l-imputat, liema deformita` ser tibqa' sakemm il-pazjenta ma tigix operata. Il-Qorti fehmet li **din id-deformita` tikkonsisti (i) fl-asimettrija fl-ghadma tal-imnieher u kif ukoll (ii) fit-tghawwig tal-qarquca u imblokkagg fl-imnifsejn tal-lemin**.

Fuq domanda tal-Qorti jekk l-espert jistax jikkonferma li d-dizabilita` minnu riskontrata waqt l-ezami mediku, hijiex gejja minn xi haga li grat fl-2013, huwa wiegeb fl-affermattiv[14]:-

"*Iva jiena nemmen li din id-diformita` ghandha x'taqsam, specjalment minhabba l-X-rays li rajt, ghandha x'taqsam ma' dak li gara fit-28 ta' Mejju 2013. … Hemm ftit deformita` … daqsxejn asymmetry b'rizultat ta' dan* [l-incident] *… l-qarquca hija mghawga b'mod li qed timblokkalha n-naha tal-lemin ta' imnehirha.*"[15]

L-espert ikkonferma wkoll illi mill-*medical file* tal-pazjenta ma jirrizultax li hija garrbet ksur iehor f'imnehirha sussegwentement ghall-incident ta' Mejju 2013, mertu tal-akkuzi odjerni.

[13] Fol. 196.
[14] Fol. 196
[15] Fol. 197

Din il-konkluzjoni tieghu hija konformi ma' dak li rriskontra l-espert ortopediku Frederick Zammit Maempel li fir-relazzjoni tieghu osserva li "*il-ponta tal-imnieher qieghda ftit li xejn mghawga lejn il-lemin*" u kkostata ftit ostruzzjoni fl-imnifsejn tax-xellug meta l-pazjenta tonfoh 'il barra.

Ikkunsidrat;

Mill-premess, jirrizulta illi bhala rizultat tat-trauma f'imnehriha provenjenti mid-daqqa ta' ponn li xejrilha l-imputat, Maria Aquilina sostniet deformita` konsistenti sija fl-asimettrija fl-ghadma tal-imnieher u sija wkoll it-tghawwig tal-qarquca u mblokkagg fl-imnifsfejn tal-lemin.

Il-paragrafi tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9 li huma relevanti ghall-offizi in dizamina, huma s-segwenti paragrafi tas-subartikolu (1), li jiddisponu li l-offiza fuq il-persuna hija gravi:-

*a) jekk tista' ġġib periklu -*
*…*
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem;*
*…*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Kwantu ghall-asimettrija fl-ghadma tal-imnieher u t-tghawwig tal-qarquca tal-imnieher u l-konsegwenti ostruzzjoni fl-imnifsejn tal-lemin, il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm huwa stabbilit illi dawn huma ta' natura permanenti ghaliex kif xehed l-espert konsulent Kenneth Muscat it-tghawwig u l-asimettrija jistghu jitrangaw biss permezz ta' operazzjoni, il-Qorti ma taqbilx illi dawn l-offizi jistghu jgibu perikolu ta' debbulizza permanenti fil-funzjoni tal-imnieher a tenur tal-paragrafu (ii) tal-Artikolu 216(1)(a). Teskludi wkoll illi dawn jistghu jitqiesu bhala mankament fil-wicc.

A propositu ta' mankament, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, gie ritenut hekk:

"*B'mankament ... fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci notevole o complessivo, o per l-entita' della aterazjoni stess, o per l-espressione d'assieme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235).*"

Fil-kaz in dizamina, jemergi mir-relazzjoni tal-espert Mr. Frederick Zammit Maempel illi t-tghawwig fl-ghadma u fil-ponta tal-imnieher huwa minimu. Barra minn hekk, minn ezami tar-ritratti tal-vittma li jifformaw parti mir-relazzjoni tieghu[16], fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax li d-deformita` fl-imnieher hija wahda notevoli.

Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skont l-insenjament pacifiku in materja, biex l-offiza titqies bhala sfregju, din trid tkun vizibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[17]. F'kull kaz, kollox jiddependi mill-entita` tal-hsara: mhux importanti x'tissejjah il-hsara f'termini medici jew popolari ghaliex dak li hu importanti hu **l-effett li l-hsara thalli fuq il-wicc**.

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deciz fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti*

---

[16] Fol. 188 u 189.

[17] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.

*setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala* ***sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali****."* [emfasi ta' din il-Qorti]

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-principju gie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[18] fejn intqal illi:-

*"...* ***ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant*** *... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Issa fil-kaz odjern, iz-zewg esperti mahturin mill-Qorti kkonfermaw li Maria Aquilina soffriet hsara fl-imnieher billi dan jidher li gie mghawweg lejn il-lemin. **Ghalkemm estetikament m'hijiex notevoli, il-hsara hija xorta wahda vizibbli meta wiehed ihares bir-reqqa lejn l-imnieher u dan kif gie kostatat miz-zewg esperti medici mahturin mill-Qorti u kif jirrizulta wkoll minn ezami tar-ritratti a fol. 188 u 189 tal-atti**.

Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-offizi jikkostitwixxu **l-isfregju** prospettat mis-subinciz (b) tal-Artikolu 216(1) tal-Kap. 9 kif ukoll, partikolarment kwantu ghall-ostruzzjoni tal-imnifsejn minhabba t-tghawwig fil-qarquca, **difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem**[19]. Minn dan jikkonsegwi illi ghalkemm hemm element ta' permanenza fl-offizi subiti fl-imnieher, dawn m'humiex tal-gravita` li jehtieg sabiex tigi ravvizata l-offiza gravissima prospettata mill-Artikolu 218 tal-Kap. 9 izda huma offizi ta' natura gravi fit-termini ta' l-Artikolu 216(1)(a)(iii) u (b) tal-Kap. 9.

---

[18] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996

[19] Ta' min josserva illi Josianne Aquilina, meta xehdet fit-12 ta' Marzu 2014, fissret kif ommha jkollha tqum bil-lejl u "*tgholli rasha biex tiehu nifs sew*". – fol. 13.

Ghaldaqstant, jirrizulta illi l-htija tal-imputat ghar-reat addebitat fl-ewwel akkuza, hija ppruvata fil-grad li tehtieg il-ligi ghaliex jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, mhux biss li l-imputat, fit-28 ta' Mejju 2013, laqat lil martu b'daqqa ta' ponn f'imnehirha, izda wkoll li bhala rizultat ta' din l-aggressjoni hija soffriet offizi ta' natura gravi skont kif prospettat fl-Artikolu 216 tal-Kap. 9

B'zieda mal-premess, jirrizulta wkoll l-aggravanti a tenur tal-Artikolu 222A tal-Kap. 9 ghaliex gie ppruvat illi Maria Aquilina hija wkoll persuna anzjana ta' l fuq minn sittin sena[20].

Ikkunsidrat;

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat gie mixli bir-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap.9 li jipprospetta bhala reat **l-imgieba** ta' persuna li "*... tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija flartikolu 222(1) ... jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.*"

Dwar l-element kostituttiv tar-reat taht l-Artikolu 251B, huwa pacifiku fl-insenjament gurisprudenzjali in materja illi jehtieg li jintwera li l-imgieba tal-agent tar-reat tammonta ghal *a course of conduct* u dan kif jidher mill-kliem tal-ligi: "*… lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażżjonijiet*".

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Norman Cascun** qalet hekk in propositu:-

[20] Certifikat tat-twelid ta' Carmel Grixti – Dok. RM3. Twieled fit-8 ta' Ottubru 1955.

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant.* ***Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1)****."*[21] [emfasi ta' din il-Qorti]

Madanakollu, il-Qorti tosserva illi t-tieni imputazzjoni giet imfassla b'mod li tirreferi ghal dak li gara f'jum partikolari biss – it-28 ta' Mejju 2013. Huwa minnu li hu rikonoxxut fil-gurisprudenza[22] illi jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni wahda fl-istess jum fejn tigi ravvizata l-kondotta mehtiega ghall-finijiet tal-Artikolu 251B, u ghalhekk tista' tinstab htija ghal dan ir-reat anke f'kaz li jigi ppruvat li kien hemm *a course of conduct* f'gurnata wahda biss. Madanakollu fil-kaz in dizamina, kemm mill-imputazzjoni kif imfassla, li tirreferi ghal hin partikolari – is-07:45h - kif ukoll mill-provi mressqa fl-atti tal-kaz odjern, ma jirrizultax li kien hemm *a course of conduct* fl-istess jum li seta' jwassal biex jigi rravvizat ir-reat ipotetizzat fl-Artikolu 251B.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti tosserva illi fiz-zmien meta gew kommessi r-reati addebitati lill-imputati, kienu ghadhom ma dahlux fis-sehh l-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tal-2018 li awmentaw konsiderevolment il-piena ghar-reati prospettati fl-Artikolu 216, 217, 218 u 221 u ohrajn, tal-Kodici Kriminali. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh biss wara li giet istitwita l-azzjoni kriminali u kwindi waqt il-pendenza ta' dawn il-proceduri. Bl-applikazzjoni tal-principju tan-non retroattivita` tal-ligi kriminali sostantiva, dan ifisser illi ghandhom jigu applikati, kwantu ghar-reat li dwaru qed tinstab htija fl-imputat,

[21] Deciza 12.12.2019.
[22] Ara Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna, deciza fil-21 ta' Frar 2012, Qorti tal-Appell Kriminali.

cioe` r-reat ta' offiza gravi fuq il-persuna a tenur tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9, il-pieni li kienu in vigore fit-28 ta' Mejju 2013, cioe` **prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin**.

B'zieda mal-premess, peress li, kif diga` nghad, jirrizulta wkoll l-aggravanti a tenur tal-Artikolu 222A tal-Kap. 9 ghaliex gie ppruvat illi Maria Aquilina hija wkoll persuna anzjana ta' l fuq minn sittin sena, il-Qorti hija marbuta illi tapplika z-zieda mandatorja fil-piena hemm prospettata meta tiġi biex tikkalibra l-piena.

Finalment, il-Qorti tosserva illi l-Avukat Generali, fin-nota tieghu tal-20 ta' Mejju 2019 li biha baghat l-atti tal-kompilazzjoni lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, ma indikax l-Artikolu 222 tal-Kap. 9 bhala wiehed mill-artikoli tal-ligi li dwaru tista' tinsab htija fl-imputat.

Din id-dispozizzjoni tipprovdi hekk fis-subartikolu (1) tieghu:-

**222**(1) *Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, jiżdiedu bi grad meta l-offiża ssir –*

*(a) fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h);*

Ghalkemm hu ovvju li l-vittma f'dan il-kaz Maria Aquilina hija mart l-imputat, l-Avukat Generali naqas milli jindika l-artikolu tal-ligi li jipprospetta l-aggravanti fil-piena u cioe` l-imsemmi Artikolu 222 tal-Kap. 9. Minflok, l-Avukat Generali indika l-Artikolu 202 tal-Kap. 9. Hu minnu li fis-subparagrafu (h)(i) tal-istess Artikolu 202, il-ligi tipprospetta zieda fil-piena meta d-delitt isir fuq il-persuna ta' *inter alia*, il-konjuġi attwali jew eks konjuġi, izda huwa daqstant minnu li din id-dispozizzjoni tapplika direttament "*ghad-delitti msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu*". Issa, is-subartikolu li ghalih jaghmel referenza l-Artioklu 202, huwa dak imsejjah "**Fuq id-Delitti**

**Sesswali**". F'kaz ta' htija ghal xi piena msemmija fost ohrajn, fl-Artikolu 216 tal-Kap. 9, l-applikazzjoni tal-aggravanti fil-piena skont l-Artikolu 202 tista' ssir biss permezz tal-applikazzjoni ta' u b'referenza ghall-Artikolu 222 tal-Kap. 9, liema artikolu izda, ma giex indikat mill-Avukat Generali. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax tapplika l-aggravanti fil-piena li hemm prospettat fl-Artikolu 202 indikat mill-Avukat Generali.

Konsegwentement, anke ghaliex il-proviso tas-subartikolu (1) tal-istess Artikolu 222A jipprovdi li z-zieda fil-piena skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma tapplikax meta hemm previst diġà aggravju tal-piena f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra, **il-Qorti sejra tapplika biss iz-zieda fil-piena skont l-Artikolu 222A tal-Kap. 9**.

**<u>DECIDE</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt li ma ssibx lil JOSEPH AQUILINA hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikoli 31, 214, 215, 216(1)(a)(iii) u 216(1)(b) u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-istess JOSEPH AQUILINA hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Maria Aquilina, il-Qorti qieghda torbot lill-hati, cioe` lil JOSEPH AQUILINA b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elf Euro (€1,000) li ma jimmolestax lil martu Maria Aquilina, u dan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti b'zieda mal-piena, tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' hames mija u sbatax-il Euro u hamsin centezmu (€517.50) rapprezentanti spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti f'dwan il-proceduri.**[23]

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

[23] Mr. Frederick Zammit Maempel (€305) u Mr. Kenneth Muscat (€212.50).